MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 828/1995/2

**Noelle Spiteri**

***Versus***

**Ernest Cilia u Carmelo Micallef**

F’din il-kawża l-attriċi qiegħda titlob illi l-qorti tgħid illi kuntratt ta’ self kien simulat.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-attriċi u l-konvenut Ernest Cilia huma miżżewġin u qegħdin fi proċeduri ta’ separazzjoni personali fl-ismijiet **Noelle Spiteri *versus* Ernest Cilia** (ċitaz. nru 847/1992). Wara li kienu nfirdu *de facto*, il-konvenut Ernest Cilia b’kitba tal-31 ta’ Lulju 1990 (fost oħrajn) deher li qiegħed jissellef mingħand il-konvenut l-ieħor Carmelo Micallef is-somma ta’ għaxart elef lira (Lm10,000), bil-pattijiet u l-kondizzjonijiet stipulati fl-istess kitba.

L-attriċi iżda tgħid illi l-kitba hija simulata u saret bil-ħsieb li tqarraq billi titgħabba b’piżijiet fittizji l-komunjoni ta’ l-

akkwisti, bi ħsara għall-interessi ta' l-attriċi; għalhekk, il-kitba ma tiswiex, skond l-art. 1144 tal-Kodiċi Ċivili.

Għal din ir-raġuni l-attriċi qiegħda titlob illi l-qorti tgħid illi l-kitba privata tal-31 ta' Lulju 1990 hija simulata u għalhekk ma tiswiex għax saret b'qerq għad-drittijiet ta' l-attriċi, skond l-art. 1144 tal-Kodiċi Ċivili. Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż tal-kawża.

Il-konvenut Ernest Cilia ressaq l-eċċezzjoni illi t-talba ta' l-attriċi għandha tiġi miċħuda, bl-ispejjeż kontra tagħha, għax ma hux minnu illi l-kitba privata tal-31 ta' Lulju 1990 hija simulata u li saret b'qerq għad-drittijiet ta' l-attriċi, skond l-art. 1144 tal-Kodiċi Ċivili.

Il-konvenut Carmelo Micallef ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. is-self ta' għaxart elef lira (Lm10,000) kien sar meta Ernest Cilia u Noelle Spiteri kienu għadhom joqogħdu flimkien; u

2. il-kitba privata tal-31 ta' Lulju 1990 ma hijiex simulata u ma saritx bil-ħsieb li tqarraq.

Il-kwistjoni f'din il-kawża hija dwar kuntratt li sar b'kitba privata ta' l-1 ta' Mejju 1990[1] u tal-31 ta' Lulju 1990[2] bejn il-konvenut Carmelo Micallef u l-konvenut Ernest Cilia. Bis-saħħa ta' dawk il-kitbiet Cilia deher li kien qiegħed jissellef mingħand Micallef is-somma ta' għaxart elef lira (Lm10,000), b'imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena.

Għalkemm fuq il-kitba tal-31 ta' Lulju 1990, imsemmija fiċ-ċitazzjoni, il-konvenut Cilia jgħid illi s-somma ta' għaxart elef lira (Lm10,000) "qed jirċeviha u jħalli debita riċevuta", aktar 'il quddiem fl-istess kitba jingħad illi "l-kapital hawn imsemmi kien ġie mogħti bi skrittura f'April tas-sena korrenti ġ*i.e.* ta' l-1990ħ". Fil-fatt fil-proċess hemm kitba oħra, ta' l-1 ta' Mejju 1990, bejn l-istess Cilia u Micallef, li fost ħwejjeġ oħra tgħid hekk:

In consideration of a monthly sum of Lm70, payable at the end of each month, the lender ġil-konvenut Micallefħ has passed the borrower ġil-konvenut Ciliaħ 5 (five) Bank of Valletta Bearer deposit Accounts for the use of the borrower. Each Bearer deposit was for the sum of Lm2000 therefore making a total passed by the lender to the borrower of Lm10000.

---

1 *Fol.* 32.

2 *Foll.* 5 *et seq.*

Din il-kitba, li fuqha jidhru wkoll il-firem ta’ żewġ xhieda, li huma ħut il-konvenut Micallef, kienet tħassret bl-oħra li saret fil-31 ta’ Lulju 1990. Wieħed mix-xhieda, Joseph Micallef, xehed illi ra l-kotba jgħaddu mingħand il-konvenut Micallef lill-konvenut Cilia[3].

L-attriċi tgħid illi l-kitba hija simulata, għax ma għaddewx flus minn Micallef lil Cilia, u l-kitba saret biex il-komunjoni ta’ l-akkwisti bejnha u Cilia titgħabba b’dejn fittizju.

Għalkemm l-attriċi qiegħda sserraħ l-azzjoni tagħha fuq l-art. 1144 tal-Kodiċi Ċivili, mill-premessi u t-talbiet jidher illi l-azzjoni tallum ma hijiex waħda pawljana iżda ta’ simulazzjoni, għax dak li qiegħda titlob l-attriċi ma hux illi l-qorti tgħid illi sar negozju bejn il-konvenuti biex id-debitur tagħha jnaqqas l-assi li jistgħu jagħmlu tajjeb għall-kreditu tagħha, iżda qiegħda tgħid illi ma sar ebda negozju tassew bejn il-konvenuti għax ma għaddewx flus mill-konvenut Micallef lill-konvenut Cilia: il-kitba li saret bejniethom *colorem habet, substantiam nullam*.

Il-kwistjoni għalhekk hija jekk tassew għaddewx flus minn Micallef għal Cilia.

Jekk tassew għaddew il-flus, l-assi ta’ Cilia żdiedu b’għaxart elef lira (Lm10,000), għalkemm il-valur nett baqa’ l-istess għax tgħabba b’dejn għall-istess ammont. Li hu meħtieġ għalhekk hu li naraw jekk l-assi ta’ Cilia żdidux b’għaxart elef lira (Lm10,000), jew jekk qatax djun ta’ l-istess ammont, fiż-żmien meta suppost sar is-self.

Biex tkun tista’ tasal għal konklużjoni dwar dan, il-qorti b’dikriet tal-10 ta’ Novembru 2000[4] ħatret espert komputista “sabiex jistabilixxi movimenti ta’ flus f’idejn il-konvenut Cilia u jgħid jekk minn dawn il-movimenti jirriżultax li kellu f’idejh il-flus imsemmija fiċ-ċitazzjoni”. Il-konklużjoni ta’ l-espert, fir-rapport tiegħu maħluf fil-21 ta’ Jannar 2003, kienet illi “*there was no conclusive evidence that Mr Ernest Cilia borrowed the sum of Lm10,000 (Ten Thousand Malta Liri only) from Mr Carmelo Micallef on 1st May 1990*”.

Fl-atti hemm kopja ta’ *statement* ta’ kont bankarju tal-konvenut Cilia[5] mnejn jidher illi f’Mejju ta’ l-1990 kien sar

3 Ara x-xhieda ta’ Joseph Micallef fis-seduta tad-29 t’April 1999, *foll.* 166 *et seq.*

4 *Fol.* 247.

5 *Foll.* 219 *et seqq.*

depożitu ta' sitt elef ħames mija u disa' liri u ħames ċenteżmi (Lm6,509.05), li Cilia jgħid li x'aktarx kienu parti mill-għaxart elef lira (Lm10,000) li ssellef mingħand Micallef[6]. L-espert komputista kien talab tagħrif dwar x'kien sar mill-bqija tal-flus mislufa, u dan it-tagħrif baqa' ma ngħatalux. Kien għalhekk illi l-espert wasal għall-konklużjoni miġjuba fuq.

Il-qorti tifhem illi n-nuqqas ta' Cilia li jagħti tagħrif li seta' jagħtih hu biss, u mhux ukoll il-konvenut l-ieħor, ma għandux ikun ta' preġudizzju għall-konvenut l-ieħor. Qieset ukoll dak li xehed Alfred Mifsud[7] — espert komputista wkoll, iżda mressaq *ex parte* mill-attriċi, illi, skond ix-xhieda tiegħu, għamel analiżi aktar dettaljata minn dik magħmula mill-espert maħtur mill-qorti — meta qal illi l-konklużjoni tiegħu kienet illi "l-parti kbira minn dan is-self privat jew huwa fittizju jew il-flus ta' dan is-self intefqu fuq affarijiet oħra li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-komunjoni"[8].

Għalkemm, għar-raġunijiet mogħtija fid-dikriet tal-5 ta' Ġunju 2000[9], il-qorti ma setgħetx toqgħod fuq il-konklużjonijiet ta' dan ix-xhud, madankollu taqbel miegħu illi l-fatt illi ma nġibitx prova dwar x'sar mill-flus ma jfissirx bilfors li s-self ma sarx; jista' wkoll ifisser illi l-konvenut Cilia ħeba l-flus mislufa u nqeda bihom għal għanijiet tiegħu.

Għal din ir-raġuni, u fid-dawl ukoll tal-fatt illi s-self sar quddiem xhieda illi, għalkemm huma ħut il-kreditur, madankollu huma xorta xhieda kompetenti, il-qorti hija tal-fehma illi ma tistax tgħid illi lill-attriċi seħħilha li turi illi s-self x'aktarx kien simulat. It-talbiet tagħha għalhekk ma jistgħux jintlaqgħu.

Dan kollu, naturalment, huwa bla ħsara għall-kwistjoni bejn l-attriċi u l-konvenut Cilia jekk is-self huwiex dejn tal-komunjoni jew tal-konvenut Cilia waħdu, billi dik il-kwistjoni ma hijiex meritu ta' din il-kawża.

---

[6] Ara x-xhieda tal-konvenut Ernest Cilia fis-seduta tas-26 t'Ottubru 1999, *foll.*228 *et seqq.*

[7] Ara x-xhieda ta' Alfred Mifsud fis-seduta tal-15 t'April 1999, *foll.* 142 *et seqq.*

[8] *Ibid. fol.* 145.

[9] *Fol.* 244

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta’ l-kawża billi tiċħad it-talbiet ta’ l-attriċi. L-ispejjeż tal-konvenut Cilia jħallashom l-istess konvenut; l-ispejjeż l-oħrajn kollha tħallashom l-attriċi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------